

## Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data rigward it-Tieni Pakkett tal-UE dwar il-Fruntieri Intelliġenti

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD [www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu))

(2016/C 463/11)

### SOMMARJU EŻEKUTTIV

It-twaqqif ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) li ser tirreġistra d-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni Ewropea ilu previst għal żmien twil mil-leġiżlatur tal-UE. Il-Kummissjoni adottat tliet proposti bħala parti mill-ewwel Pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti fl-2013; il-koleġiżlaturi esprimew tħassib serju u l-pakkett ma laħaqx kunsens. Imbagħad il-Kummissjoni nediet eżerċizzju tal-Prova tal-Kunċett bi tweġiba għal dak it-tħassib, u din is-sena ħarġet it-tieni Pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti li attwalment huwa magħmul minn żewġ proposti riveduti.

Il-KEPD analizza bir-reqqa dawn il-proposti u ressaq rakkomandazzjonijiet bil-għan li jassisti lil-leġiżlatur biex jiżgura li l-qafas legali applikabbli għall-iskema EES ikun konformi bis-sħiħ mal-liġi tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Il-KEPD jirrikonoxxi l-ħtieġa għal sistemi ta' informazzjoni koerenti u effettivi għall-fruntieri u s-sigurtà. Dawn il-proposti waslu f'mument kruċjali meta l-UE qiegħda taffaċċja sfidi serji f'dan il-qasam. Madankollu, il-KEPD jenfasizza n-natura sinifikanti u potenzjalment intrużiva tal-ipproċessar propost tad-data personali skont l-EES, li għalhekk għandu jitqies kemm skont l-Artikoli 7 kif ukoll 8 tal-Karta. Il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-iskema EES għandhom jiġu indirizzati fuq livell globali, filwaqt li għandhom jitqiesu s-sistemi tal-IT li diġà jeżistu fuq skala kbira fl-UE, u b'mod speċifiku, fil-każ speċifiku ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu viżitaturi legali tal-UE. Il-KEPD jinnotta li d-dejta tal-EES ser tiġi pproċessata għal żewġ għanijiet differenti, minn naħa waħda għall-għanijiet tal-ġestjoni u tal-iffaċilitar tal-fruntieri u min-naħa l-oħra għall-għanijiet tal-infurzar tal-liġi. Il-KEPD jirrakkomanda bil-qawwa l-introduzzjoni ċara tad-differenza bejn dawn l-għanijiet fil-Proposta tal-EES innifisha kollha għall-2016, minħabba li dawn l-għanijiet jinvolvu impatt differenti fuq id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

Filwaqt li jilqa' l-attenzjoni għat-tħassib dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data espress preċedentement u t-titjib fil-proposti riveduti, il-KEPD iqajjem tħassib serju fir-rigward ta' diversi aspetti tal-Proposta tal-EES li għandha tkun iġġustifikata aħjar, jew saħansitra kkunsidrata mill-ġdid mil-leġiżlatur, b'mod partikolari:

- il-perjodu ta' żamma ta' ħames snin tad-data EES. Il-KEPD jinnotta li l-ħtieġa għaż-żamma tad-data tal-persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta għal ħames snin, għandha tintwera b'mod aħjar u li l-perjodu ta' żamma ta' ħames snin għad-data personali kollha maħżuna fl-EES jidher li huwa sproporzjonat;
- il-ġbir tal-immaġni tal-wiċċ ta' vjaġġaturi li jeħtieġu l-viża, li l-immaġni tal-wiċċ tagħhom hija diġà maħżuna fil-VIS;
- il-ħtieġa għall-aċċess għad-data EES mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li mhijiex appoġġjata biżżejjed b'evidenza konvinċenti;
- il-prerekwiżit għal suġġett tad-data biex jipprovidi marki tas-swaba meta jeżerċita d-drittijiet tiegħu/tagħha ta' aċċess, korrezzjoni u/jew tħassir tad-data personali tiegħu/tagħha li jistgħu jkunu ostakolu importanti għall-eżerċizzju effettiv ta' dawn id-drittijiet.

L-Opinjoni tipprovidi wkoll rakkomandazzjonijiet addizzjonali f'termini ta' protezzjoni tad-data u privatezza li għandhom jitqiesu fil-proċess leġiżlattiv, inkluż is-sigurtà tas-sistema.

## I. INTRODUZZJONI U SFOND

1. Il-Kummissjoni ħabbret l-ewwel darba l-intenzjoni tagħha biex tibni Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ sabiex tikkontrolla d-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni Ewropea fl-2008<sup>(1)</sup>. F'dak iż-żmien, il-KEPD l-ewwel ta l-kummenti preliminari tiegħu dwar l-idea<sup>(2)</sup> u mbaġħad enfasizza kwistjonijiet speċifiċi f'Opinjoni ta' Lulju 2011<sup>(3)</sup>. Il-Kummissjoni elaborat aktar il-fehmiet tagħha f'Komunikazzjoni<sup>(4)</sup> intitolata "Fruentieri intelliġenti - alternattivi u t-triq 'il quddiem" ta' Ottubru 2011, li l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ipprova l-kummenti dwarha<sup>(5)</sup>. Il-KEPD ta wkoll kontribut f'diskussjoni konġunta madwar mejda ma' diversi partijiet ikkonċernati<sup>(6)</sup>.
2. Fi Frar 2013, il-Kummissjoni adottat tliet proposti bħala parti mill-ewwel Pakkett tal-Fruentieri Intelliġenti: proposta biex tibni Sistema ta' Dħul/Ħruġ<sup>(7)</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Proposta tal-EES għall-2013"), proposta biex tistabbilixxi Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati<sup>(8)</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Proposta tal-RTP għall-2013") u proposta li temenda l-Kodiċi tal-Fruentieri ta' Schengen<sup>(9)</sup> biex tintroduċi dawn il-bidliet kif xieraq. Il-Pakkett immedjatament iffaċċja kritika kemm mill-koleġżlaturi minħabba tħassib tekniku, operattiv u tal-ispejjeż, kif ukoll tħassib importanti dwar il-protezzjoni tad-data. Fl-istess sena, il-KEPD ipprova l-ewwel rakkomandazzjonijiet konkreti tiegħu dwar it-tliet proposti fil-forma ta' Opinijoni<sup>(10)</sup>. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ħareġ ukoll Opinijoni<sup>(11)</sup>, li għaliha kkontribwixxa l-KEPD, li ħolqot dubji dwar il-ħtieġa tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ bħala tali.
3. Fil-bidu tal-2014, bi tweġiba għal dan it-tħassib, il-Kummissjoni ħabbret it-tnedija ta' eżerċizzju tal-Prova tal-Kunċett li jikkonsisti f'żewġ passi: l-ewwel pass fi Studju Tekniku<sup>(12)</sup> u t-tieni fi Studju tal-Ispejjeż<sup>(13)</sup> sabiex jiġu identifikati l-aktar għażliet u soluzzjonijiet adattati biex jiġu implimentati l-Fruentieri Intelliġenti, segwiti matul l-2015 mill-Proġett Pilota<sup>(14)</sup> mmexxi mill-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (minn hawn 'il quddiem l-"eu-LISA") sabiex jiġu vverifikati l-għażliet differenti identifikati. B'mod parallel, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika ta' tliet xhur<sup>(15)</sup> f'Lulju 2015 biex tiġbor fehmiet u opinjonijiet minn ċittadini u organizzazzjonijiet, li għalihom ikkontribwixxa wkoll il-l-KEPD<sup>(16)</sup>.
4. Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni ħarġet it-tieni Pakkett tal-Fruentieri Intelliġenti<sup>(17)</sup>. Din id-darba, ġiet proposta sistema waħda biss: is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (minn hawn 'il quddiem "l-EES"). Il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi

<sup>(1)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2008 dwar "It-tħejija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea" COM(2008) 69 finali.

<sup>(2)</sup> Il-kummenti preliminari tal-KEPD tat-3 ta' Marzu 2008 dwar it-tliet Komunikazzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-fruntieri.

<sup>(3)</sup> L-Opinjoni tal-KEPD tas-7 ta' Lulju 2011 rigward il-Komunikazzjoni dwar il-Migrazzjoni.

<sup>(4)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar "Fruentieri intelliġenti - alternattivi u t-triq 'il quddiem", COM(2011) 680 finali.

<sup>(5)</sup> Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ikkummenta rigward il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Fruentieri Intelliġenti fittra indirizzata lill-Kummissarju Malmström tat-12 ta' Ġunju 2012.

<sup>(6)</sup> Diskussjoni madwar Mejda tal-KEPD dwar il-Pakkett tal-fruntieri intelliġenti u l-implikazzjonijiet fuq il-protezzjoni tad-data, Brussell, 10 ta' April 2013, ara s-sommarju disponibbli fuq: [http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/EDPS/PressNews/Events/2013/13-04-10\\_Summary\\_smart\\_borders\\_final\\_EN.pdf](http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/EDPS/PressNews/Events/2013/13-04-10_Summary_smart_borders_final_EN.pdf)

<sup>(7)</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata d-data tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, COM(2013) 95 finali.

<sup>(8)</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati, COM(2013) 97 finali.

<sup>(9)</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES) u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP), COM(2013) 96 finali.

<sup>(10)</sup> L-Opinjoni tal-KEPD tat-18 ta' Lulju 2013 dwar il-Proposti għal Regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u Regolament li jistabbilixxi Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP).

<sup>(11)</sup> Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, Opinijoni 05/2013 tas-6 ta' Ġunju 2013 dwar il-Fruentieri Intelliġenti.

<sup>(12)</sup> Studju Tekniku dwar il-Fruentieri Intelliġenti - Rapport Finali, Ottubru 2014, disponibbli fuq: [http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/docs/smart\\_borders\\_technical\\_study\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/docs/smart_borders_technical_study_en.pdf)

<sup>(13)</sup> Studju Tekniku dwar il-Fruentieri Intelliġenti - Analiżi tal-Ispejjeż, Ottubru 2014, disponibbli fuq: [http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/docs/smart\\_borders\\_costs\\_study\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/docs/smart_borders_costs_study_en.pdf)

<sup>(14)</sup> Rapport finali tal-eu-LISA rigward il-Proġett Pilota dwar il-Fruentieri Intelliġenti, Diċembru 2015, disponibbli fuq: [http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/index_en.htm)

<sup>(15)</sup> Konsultazzjoni pubblika dwar il-Fruentieri Intelliġenti, disponibbli fuq: [http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-is-new/public-consultation/2015/consulting\\_0030\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-is-new/public-consultation/2015/consulting_0030_en.htm)

<sup>(16)</sup> Il-Kummenti formali tal-KEPD tat-3 ta' Novembru 2015 rigward il-Konsultazzjoni Pubblika tal-Kummissjoni dwar il-Fruentieri Intelliġenti.

<sup>(17)</sup> Ara l-Istqarrija għall-istampa disponibbli fuq: [http://europa.eu/rapid/press-release\\_IP-16-1247\\_en.htm](http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-1247_en.htm)

l-Proposta tal-EES tagħha għall-2013 u l-Proposta tal-2013 li temenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, iżda li tirtira l-Proposta tal-RTP tagħha għall-2013. Il-Pakkett attwali tal-Fruntieri Intelliġenti huwa magħmul minn:

- Komunikazzjoni dwar "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà" <sup>(1)</sup>;
  - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ biex tiġi reġistrata d-data dwar id-dħul u l-ħruġ u d-data dwar ir-rifjut ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 <sup>(2)</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Proposta tal-EES għall-2016"); u
  - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 <sup>(3)</sup> fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ <sup>(4)</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Proposta għall-2016 li Temenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen").
5. Barra minn hekk, Valutazzjoni dettaljata tal-Impatt <sup>(5)</sup> takkumpanja ż-żewġ proposti.
  6. Il-Pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti kiseb momentum għdid wara l-kriżi attwali tal-migrazzjoni u l-attakki terroristiċi riċenti fl-Ewropa. Il-Presidenza Olandiża u l-Presidenza Slovakkja ħabbru li qegħdin jipplanaw biex jaħdmu b'mod intensiv fuq il-Pakkett bil-għan li jilħqu ftehim politiku sat-tmien l-2016 <sup>(6)</sup>.
  7. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kien ikkonsultat b'mod informali mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tal-proposti l-ġodda. Huwa jilqa' wkoll il-kooperazzjoni tajba <sup>(7)</sup> bejn id-DG HOME u l-KEPD matul il-proċess tat-tiġdid tal-ewwel Pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti.

#### IV. KONKLUŻJONI

90. Il-KEPD jilqa' x-xogħol li sar mill-Kummissjoni fil-Proposta tal-EES għall-2016 biex jiġi indirizzat it-tħassib tal-protezzjoni tad-data mressaq dwar il-Pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti għall-2013. Xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet u l-kummenti tal-KEPD fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-Pakkett tqiesu kif xieraq, pereżempju rigward l-introduzzjoni ta' proċeduri ta' rimedju f'każ ta' impossibbiltà teknika jew falliment tas-sistema.
91. Il-KEPD jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tiġġustifika l-ħtieġa li titwaqqaf l-iskema EES, iżda għandu rakkomandazzjonijiet ewlenin direttament relatati mal-proporzjonalità tagħha sabiex jiżgura l-konformità sħiħa tal-EES mal-prerekwiżit essenzjali tal-Artikolu 52(1) tal-Karta biex ikunu kemm meħtieġa, kif ukoll proporzjonati. Huwa jirrimarka li l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-iskema EES it-tnejn għandhom jiġu indirizzati fuq livell globali, filwaqt li għandhom jitqiesu s-sistemi tal-IT li diġà jeżistu fuq skala kbira fl-UE, u b'mod speċifiku, fil-każ speċifiku ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu viżitaturi legali tal-UE. Huwa jikkunsidra li perjodu ta' żamma ta' ħames snin għad-data personali kollha maħżuna fl-EES għandu jkun iġġustifikat bis-sħiħ. Huwa jenfasizza wkoll li l-aspetti li ġejjin tal-Proposta tal-EES għall-2016 għandhom ikunu iġġustifikati aħjar u appoġġjati minn evidenza konvinċenti: il-ġbir tal-immaġni tal-wiċċ ta' vjaġġaturi li jeħtieġu l-viża, il-perjodu ta' żamma ta' ħames snin għall-persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta u l-ħtieġa għall-aċċess għad-data EES mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. *Quod non*, dawn l-aspetti għandhom jerġġu jiġu kkunsidrati mil-leġiżlatur tal-UE.
92. Barra minn hekk, meta wieħed jikkunsidra l-interferenza b'firxa wiesgħa mad-drittijiet fundamentali għall-privattezza u l-protezzjoni tad-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-KEPD jikkunsidra li l-EES għandha tibqa' għodda li tiġġestixxi l-fruntieri purament imfassla b'kont meħud ta' dan il-għan. Għalhekk, id-differenza bejn l-għanijiet iddikjarati tal-EES, jiġifieri l-għanijiet primarji tal-ġestjoni u l-iffaċilitar tal-fruntieri u t-tieni għan tal-infurzar tal-liġi, għandha tiġi introdotta u riflessa b'mod ċar fil-Proposta tal-EES kollha għall-2016, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 1 u 5.

<sup>(1)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 dwar "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà", COM(2016) 205 finali.

<sup>(2)</sup> COM(2016) 194 finali.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (kodifikazzjoni) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

<sup>(4)</sup> COM(2016) 196 finali.

<sup>(5)</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 dwar "Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-istabbiliment ta' Sistema tal-UE ta' Dħul/Ħruġ li takkumpanja l-Proposta tal-EES għall-2016 u l-Proposta 2016 li temenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen", SWD(2016) 115 finali (minn hawn 'il quddiem "Valutazzjoni tal-Impatt").

<sup>(6)</sup> <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8485-2016-INIT/en/pdf>

<sup>(7)</sup> Fl-2015 saru żewġ sessjonijiet ta' ħidma bejn id-DG HOME u l-KEPD li jindirizzaw l-aspetti tal-Fruntieri Intelliġenti: waħda mis-sessjoni ta' ħidma saret fl-20 ta' Marzu u din kienet iddedikata speċifikament għat-tnejn tal-proposti tal-Fruntieri Intelliġenti, u s-sessjoni ta' ħidma l-oħra li kienet interattiva saret fil-21 ta' Settembru 2015 dwar il-Kunsiderazzjonijiet tal-Protezzjoni tad-Data u l-Privattezza fil-Politiki dwar il-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni li matulha ġew indirizzati wkoll il-proposti tal-Fruntieri Intelliġenti tal-2013; ara l-minuti tas-sessjoni tal-ħidma tal-20 ta' Marzu 2015 fl-Anness 16 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

93. Barra minn hekk, il-KEPD huwa mħasseb dwar ir-rekwiżit għas-suġġetti tad-data kollha li jipprovdu f'kull każ il-marki tas-swaba biex jissottomettu kwalunkwe talba għall-aċċess, korrezzjoni u tħassir tad-data personali tagħhom. Dan jista' joħloq ostakolu importanti għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-aċċess, garanzija importanti għas-suġġetti tad-data inkluża fl-Artikolu 8(2) tal-Karta tal-UE.
94. Rakkomandazzjonijiet oħrajn tal-KEPD f'din Opinjoni jikkonċernaw l-aspetti u l-artikoli li ġejjin:
- L-Artikolu 14 għandu jkun dettaljat sabiex jintlaħaq livell minimu ta' kwalità għal —dawk l-immaġni f'każijiet fejn l-immaġni tal-wiċċ ta' ċittadini ta' pajjiż terz huma meħuda dak il-ħin u l-Artikolu 33 għandu jispjefika li l-Kummissjoni ser tippovdi informazzjoni dettaljata dwar kif għandu jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' kwalità għall-immaġni tal-wiċċ meħuda dak il-ħin.
  - L-Artikolu 15(3) għandu jiġi emendat biex jispeċifika liema informazzjoni tista' tkun miġbura, maħżuna u użata mill-awtoritajiet tal-fruntieri meta dawn jitolbu kjarifika ulterjuri fuq il-bażi għall-impossibbiltà temporanja biex jipprovdu l-marki tas-swaba.
  - L-Artikolu 39 għandu jipprovdi għall-ħtieġa qawwija għall-koordinazzjoni bejn l-eu-LISA u l-Istati Membri rigward l-iżgurar tas-sigurtà tal-EES.
  - Ir-responsabbiltajiet tas-sigurtà għandhom ikunu ċari fil-Proposta f'każ ta' interkonnessjoni tal-programmi nazjonali ta' faċilitazzjoni mill-Istati Membri għall-EES. L-Artikolu l-ġdid 8e tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen għandu jispeċifika li s-sigurtà għandha tkun żgurata wara li ssir valutazzjoni xierqa tar-riskju għas-sigurtà tal-informazzjoni u għandu jiddeskrivi l-miżuri meħtieġa għas-sigurtà.
  - Il-Proposta għandha tispeċifika b'mod ċar li l-eu-LISA hija responsabbli għas-sigurtà tas-servizz tal-web, għas-sigurtà tad-data personali li din tinkludi u għall-proċess biex tikseb id-data personali mis-sistema ċentrali fis-servizz tal-web.
  - L-Artikolu 44(1) għandu jiġi emendat sabiex jinkludi fl-informazzjoni komunikata lis-suġġetti tad-data: il-perjodu ta' żamma li japplika għad-data tagħhom, id-dritt għall-persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta biex ikollhom id-data personali tagħhom imħassra f'każ li jipprovdu evidenza li huma qabżu t-tul ta' żmien awtorizzat għal soġġorn minħabba avvenimenti mhux imprevedibbli u serji u spjegazzjoni tal-fatt li d-data tal-EES ser tiġi aċċessata għal skopijiet ta' ġestjoni u ffaċilitar tal-fruntieri.
  - L-Artikolu 46(1) għandu jiffissa skadenza armonizzata stretta li ma tkunx itwal minn ftit xhur biex jitwieġbu t-talbiet għall-aċċess.
  - L-Artikolu 9(2) għandu jiġi emendat permezz ta' deskrizzjoni ċara ta' salvagwardji li jiżguraw li tingħata attenzjoni xierqa lid-data li tirrelata mat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità.
  - L-Artikolu 57 għandu jiġi emendat u jeħtieġ li l-eu-LISA tiżviluppa funzjonalitajiet li jippermettu lill-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-eu-LISA u l-Frontex jiksbu awtomatikament l-istatistiċi meħtieġa direttament mis-Sistema Ċentrali tal-EES, mingħajr il-ħtieġa għal xi repożitorju addizzjonali.
  - Il-Proposta għandha tippovdi lill-KEPD bl-informazzjoni u r-riżorsi xierqa sabiex dawn ir-responsabbiltajiet ġodda tiegħu bħala Kontrollatur tal-EES futura jistgħu jitwettqu b'mod effettiv u effiċjenti.
  - L-Artikolu 28(2) għandu jipprovdi skadenza stretta għall-awtoritajiet ta' verifika biex iwettqu l-verifika ex-post tal-kundizzjonijiet għall-aċċess tad-data tal-EES għal skopijiet tal-infurzar tal-liġi f'każ ta' emerġenza.
  - L-Artikolu 28(3) għandu jiġi modifikat biex jimponi li l-awtoritajiet maħtura u l-awtorità ta' verifika mhumiex parti mill-istess organizzazzjoni.
95. Il-KEPD jinsisti dwar il-ħtieġa biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet f'perspettiva globali. Huwa jinkoraġġixxi lil-leġiżlatur biex ikompli l-eżerċizzju tiegħu tal-immappjar tal-bażijiet ta' data differenti fil-kuntest tal-fruntieri u l-migrazzjoni, jikkoordina aħjar u jevita t-trikkib bejn is-sistemi differenti, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ l-istandards tal-protezzjoni u fir-relazzjonijiet tiegħu ma' pajjiżi terzi.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2016.

Giovanni BUTTARELLI

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data